Il-Ħaddiema fl-Edukazzjoni: 2024-2025

NR 206/2026 | L-Edukazzjoni | Data tal-Ħruġ: 12/11/2026

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija




Il-Punti ewlenin

- Matul is-sena akkademika 2024-2025, l-għadd sħiħ ta' persuni li jaħdmu fl-edukazzjoni formali laħaq l-20,448, żieda ta' 1.3 fil-mija meta mqabbel mas-sena akkademika ta' qabel.
- L-għalliema fl-iskejjel tal-istat, tal-knisja u tal-privat ammontaw għal 10,664.
- Il-bicċa l-kbira tal-għalliema kienu nisa, b'65.7 fil-mija.
- L-għalliema f'istituzzjonijiet immexxija mill-istat kienu jgħoddu 68.6 fil-mija tal-istaff kollu li jgħallem.


Il-Kummentarju

L-għadd sħiħ tal-istaff tat-tagħlim u dak mhux tat-tagħlim fl-edukazzjoni formali matul is-sena akkademika 2024-2025 laħaq l-20,448 – żieda ta' 1.3 fil-mija meta mqabbel mas-sena akkademika ta' qabel.

Mill-20,448 ħaddiem fl-edukazzjoni formali, 10,664 minnhom kienu fi rwoli ta' tagħlim jew akkademiċi, filwaqt li d-9,784 l-oħra kienu fi rwoli li ma kinux ta' tagħlim dirett jew fi rwoli amministrattivi. Il-bicċa l-kbira, jew 70.2 fil-mija, tal-istaff tat-tagħlim u dak mhux tat-tagħlim kienu nisa (Ċart nru 1 u 2).



Nota: Ara nota nru 12 fil-metodoloġija għat-tifsir tal-gradi tal-istaff tat-tagħlim u tal-istaff mhux tat-tagħlim.




Nota: Ara nota nru 12 fil-metodoloġija għat-tifsir tal-gradi tal-istaff tat-tagħlim u tal-istaff mhux tat-tagħlim.

L-għalliema u l-istaff akkademiku


Matul is-sena akkademika 2024-2025, l-għalliema u l-istaff akkademiku fl-istituzzjonijiet edukattivi ta' minn qabel il-primarja sal-livell terzjarju żdiedu b'1.9 fil-mija fuq is-sena akkademika ta' qabel, biex b'kollox laħqu l-10,664. Mill-istaff kollu tat-tagħlim u dak akkademiku, 27.4 fil-mija kienu akkademiċi fil-livell terzjarju, filwaqt li 23.7 fil-mija kienu għalliema fil-livelli tas-sekondarja għolja u postsekondarja mhux terzjarja. L-akbar sehem ta' għalliema kienu nisa, b'65.7 fil-mija. L-għalliema full-time kienu jgħoddu 79.2 fil-mija tat-total. Tqabbila mas-sena akkademika 2023-2024 turi li l-għalliema u l-istaff akkademiku li mhumiex Maltin żdiedu bi 3.8 fil-mija (Ċart nru 2, Tabelli nri 1 u 2).

Fil-livelli kollha tal-edukazzjoni taħt l-edukazzjoni terzjarja, il-persentaġġ ta' għalliema u staff akkademiku nisa kien ogħla minn dak tal-irġiel. Fil-livell terzjarju, sehem l-irġiel fl-istaff akkademiku kien akbar minn dak tan-nisa u kien jgħodd 59.5 fil-mija (1,737 persuna). Aktar minn nofs l-għalliema u l-istaff akkademiku full-time kienu jinsabu fl-edukazzjoni sekondarja baxxa, fl-edukazzjoni sekondarja ogħla, u fl-edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja (51.8 fil-mija). Il-maġġoranza tal-għalliema u l-istaff akkademiku part-time kienu jaħdmu fl-edukazzjoni terzjarja (86.0 fil-mija) (Ċarts nri 3 u 4, Tabella nru 3).



[1] Ara nota nru 12 fil-metodoloġija għat-tifsir tal-gradi.
[2] Il-livelli ta' edukazzjoni jirreferu għal-livelli li jgħallmu fihom l-għalliema. Għall-klassifikazzjoni tal-edukazzjoni ara nota nru 11 fil-metodoloġija.

Matul is-sena akkademika ta' riferenza, 15.5 fil-mija tal-għalliema u l-istaff akkademiku kellhom bejn il-35 u d-39 sena. Waraxjhom, kien hemm dawk ta' bejn l-40 u l-44 sena bi 15.1 fil-mija. Il-bicċa l-kbira tal-għalliema u l-istaff akkademiku barrani kienu jaħdmu f'istituzzjonijiet privati – b'41.5 fil-mija tal-għalliema kienu ta' ċittadinanza barranija. Il-bicċa l-kbira tal-għalliema u l-istaff akkademiku fl-edukazzjoni ta' minn qabel il-primarja sas-sekondarja ogħla u postsekondarja mhux terzjarja kienu Maltin. Fil-livell terzjarju, 76.1 fil-mija tal-istaff akkademiku kienu Maltin, filwaqt li 23.9 fil-mija kienu barranin (Ċart nru 5, Tabelli nri 4 u 6).



Nota: Ara nota nru 12 fil-metodoloġija għat-tifsir tal-gradi.

Fis-sena akkademika 2024-2025 kien hemm 9.2 studenti għal kull għalliem. L-akbar proporzjon kien irreġistrat fl-iskejjel privati bi 12.3-il student għal kull għalliem, filwaqt li l-inqas proporzjon kien fl-iskejjel tal-istat bi 8.1 studenti għal kull għalliem (Tabella nru 7).

Persuni li jaħdmu fl-edukazzjoni iżda mhux fi rwoli ta' tagħlim dirett

Matul is-sena akkademika 2024-2025, il-persuni li jaħdmu fl-edukazzjoni iżda mhux fi rwoli ta' tagħlim dirett kienu jgħoddu mad-9,784, żieda ta' 0.7 fil-mija meta mqabblin mas-sena akkademika ta' qabel. In-nisa kienu jiffurmaw 75.0 fil-mija tal-persuni li ma kellhomx irwoli ta' tagħlim dirett. Aktar minn nofs dawn il-ħaddiema kienu 'Assistenti tal-għalliema', b'total ta' 5,028, jew 51.4 fil-mija tal-istaff kollu li ma jgħallimx. Barra minn hekk, kien hemm 374 assistent tar-riċerka u 379 persuna oħra li kienu ta' appoġġ pedagoġiku u ta' appoġġ għas-saħħa u/jew soċjali fis-sena akkademika 2024-2025 (Ċart nru 2, Tabelli nri 1 u 8).

Madwar terz tal-assistenti tal-għalliema kellhom bejn it-30 u d-39 sena – 32.8 fil-mija. Il-bicċa l-kbira kienu impjegati f'istituzzjonijiet immexxija mill-istat (65.6 fil-mija), u kważi 45 fil-mija tal-assistenti tal-għalliema kienu impjegati fl-edukazzjoni primarja (44.9 fil-mija) (Tabelli nri 9, 10 u 11).

L-għadd sħiħ ta' persuni fi rwoli ta' maniġment u maniġment ta' livell ogħla fl-iskejjel kien jilħaq l-1,486, żieda ta' 4.0 fil-mija meta mqabbel mas-sena akkademika 2023-2024 (Tabella nru 12).

L-Edukazzjoni

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

L-Istudenti f'Edukazzjoni post-Sekondarja u Terzjarja: 2024-2025

L-Edukazzjoni Formali Ta' Qabel il-Primarja, Primarja u Sekondarja: 2024-2025

It-Tagħlim tal-Ingliż bħala Lsien Barrani: 2025

Il-Gradwati: 2024

Il-Maddiema fl-Edukazzjoni: 2023-2024

Temi Oħra Relatati

Il-Popolazzjoni

Is-Suq tax-Xogħol

L-Istatistika Reġjonali u Ġeopazjali

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

education.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula